MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Numru 801/2006

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Nazzareno Buhagiar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Nazzareno Buhagiar detentur ta' karta ta' identita' numru 442470(M) akkuzat talli:

1. nhar il-Hamis 13 ta' Lulju 2006 f'Bugibba xjentement qieghed f'cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija, b'marka, sinjal jew emblema imsebbhin b'qerq u cioe' hames mija u tmienja u ghoxrin (528) optical diskettes konsistenti fi tlett mija u tlieta u erbghin (343) DVD's u mija u hamsa u tmenin (185) audio CDs;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghal qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanufattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahta;
3. li sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 et sequitur tal-Qorti Kriminali b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 20 ta’ Settembru 2001, 9 ta’ Mejju 2002, 4 ta’ Ottubru 2002, 14 ta’ Jannar 2003, 26 ta’ Novembru 2003, 29 ta’ Marzu 2004, 25 ta’ Novembru 2004, 22 ta’ Marzu 2005 u 9 ta’ Mejju 2005, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
4. li b’hekk kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie liberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta’ Frar 2006;
Il-Qorti mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-htija tal-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu tohrog wisq car mill-istqarrija tieghu.

L-akkuzi jirrigwardaw kwantita ta’ ‘optical diskettes’, DVDs, [u] audio CDs’, li nstabu ghand l-imputat fil-post u hin imsemmija fl-akkuza. L-imputat qieghed jigi akkuzat taht l-Artikolu 298(f) tal-Kap 9 li jittratta fost hwejjeg ohra l-qerq ta’ merkanzija b’marka, sinjal jew emblemma imxebbhin b’qerq, u wkoll, taht l-artikolu li jsegwi Artikolu

298B li jittratta il-ksur ta' drittijiet ta' l-awtur. Hemm wkoll il-kwerela tal-parti fil-konfront ir-reat l-ahhar imsemmi.

Illi fil-kaz tal-imputat mhu lanqas kontradett li hu gia' kkommetta reati simili ghal dak odjern apparti reati ohra konnessi mal-abbuz ta' droga u delitti kontra l-proprjeta'. Fuq il-bilancja l-ohra hemm li l-imputat hu disokkupat fil-present, ghandu familja xi jmantni, u jidher li illum qieghed jaghmel hiltu sabiex jirriforma lilu nnifsu tant li waqaf kompletament mill-abbuz tad-droga.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex ghal din id-darba tordna l-inkarcerazzjoni effettiva tal-imputat u kwindi u wara li rat l-Artikolu 298(f), 298B, 49, 50, 17, 31 u 28A tal-Kap 9 u l-Artikolu 22 tal-Kap 446 qeghdha tiddeciedi wara li tiddikjarah hati tal-akkuzi kontrih dedotti li tikkundannah sitt xhur prigunerija u Lm200 multa. Fir-rigward il-prigunerija qeghdha tissospendihom ghal sena mill-lum sakemm l-imputat ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza,

Tordna l-konfiska tal-oggetti li ghandhom x'jaqsmu mar-reat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------